MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 268/2013

**Appell Nru. 268/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Clayton Galea**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 341285 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'Awwissu, 2008, ghall-habta ta' 4.30 a.m. fi Triq il-Belt Valletta, Rabat, saq vettura numru CAH-794
1. b'manjiera traskurata;
2. perikoluza;
3. qasam il-linji bojod kontinwi;
4. kif ukoll waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, habat ma' vettura numru FAF-671, naqas li jieqaf u meta

kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u naqas li jinforma minnufih lill-Pulizija jew lill-Gwardjan Lokali dwar l-imsemmi incident;
5. u aktar saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru CAH-794 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
6. kif ukoll saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru CAH-794 fit-triq, f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;
7. u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Fenech skond kif iccertifikat Dr. Agnes Cachia Pickard MD ta' Mater Dei Hosepital.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju, 2013, li biha lliberat lill-appellat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-28 ta' Mejju 2013, l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi li fil-fatt wasslet ghall-enuncazzjoni zbaljata tal-provi u ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent

qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413(1 )(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) irriteniet illi:

*"Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju, lanqas l-inqas wiehed illi kien l-imputat li bi traskuragni u b'mod perikoluz u arditizmu, mhux talli qala' vettura, u mhux talli mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex ghamel hekk — imma talli tajjar persuna u addirittura baqa' sejjer!! Persuna li ghall-qziez u rresponsabbilta' tieghu, bla tort spiccat b'dizabilita'".*

Frankament dan it-tip ta' sewwieq mhux denn li jkollu licenzja tas-sewqan.

Pero, u hawn il-Qorti tghidu dan b'dispjacir, li stante li l-pulizija ghar-ragunijiet tant ovvji, ma jistghux jaghmluha ta' esperti fi investigazzjonijiet taghhom - stante li din mhix garanzija ta' indipendenza kif trid il-Ligi, allura ma tressqux provi sufficjenti.

Allura, fuq tali lanjanza u xejn provi ohra, ser ikollha tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Dan il-Qorti qieghda tghidu stante li l-unika prova li hemm li kien Clayton Galea s-sewwieq hija fattura xejn objettiva - bhall-magna tal-karozza li kienet ghadha shuna, riha ta' xorb fuq l-akkuzat u l-unika test li sarlu kien dak tal-Ghassa, bicciet ta' karozza migbura mit-triq li fil-fehma biss tal-pulizija kienu tal-vettura tal-imputat - bla ma ndenjaw ruhhoml i jitolbu ghal ezami mekkaniku ndipendenti biex tigi stabbilita l-provenjenza tad-danni kemm fuq il-vettura u fuq il-mutur."

Illi ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Illi l-esponent jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi meta rriteniet illi *"stante li l-pulizija ghar-ragunijiet tant ovvji, ma jistghux jaghmluha ta' esperti fl-investigazzjonijiet taghhom - stante li din mhix garanzija*

*ta' indipendenza kif trid il-Ligi, allura ma tressqux provi sufficjenti."*

Illi l-esponent jirrileva fl-ewwel lok li l-membri tal-korp tal-pulizija li kienu involuti principalment fl-investigazzjoni tal-kaz odjern kienu PS 163 Robert Azzopardi (indikat erronjament bhala PS 1638 Alfred Azzopardi a fol 32, liema zball gie retifikat a fol 105 et seq) u PC 580 Ismail Mercieca. Illi jirrizulta li dawn il-pulizija kienu accedew fuq il-post tal-incident immedjatament u xehdu dwar dak li huma kkostataw, senjatament illi :-
(i) fit-triq fejn sehh l-incident sabu imxerrdin mal-art bicciet tal-fibre zghar ta' kulur ahdar car metallic,
(ii) li l-mutur involut fl-incident li sabu fuq il-post kellu brix u daqqiet tal-istess kulur,
(v) li fit-triq kienu sabu bumper ta' wara tal-fibre tal-istess kulur hadrani metallic car;
(vi) li peress li x-xhieda okulari kienu qalu lill-pulizija li l-vettura involuta ta' kulur ahdar kienet marret fid-direzzjoni tar-Rabat u peress li din il-vettura suspettata li kienet involuta f'dan l-incident kellha kulur ahdar partikolari, il-vettura kienet instabet immedjatament ipparkjata r-Rabat u meta nstabet kienet minghajr bumper ta' wara, keliha daqqa fuq il-bumper ta' quddiem u kellha wkoll daqqa fuq il-mudguard ta' wara in-naha tal-lemin stess;
(vii) li l-vettura in kwistjoni sabuha immedjatament u li din kelha magna shuna,
(viii) li s-sid tal-vettura in kwistjoni, ossia l-imputat appellat kellu riha ta' xorb fuqu u li ghaldaqstant kien sarlu breathylser test;
(ix) li l-imputat stess kien qalhom li huwa kien ghadu gej minn Paceville, li kien ghadda minn Triq Valletta, ir-Rabat, izda li kien jiftakar biss li kien sema' hoss u qisu laqat xi haga, pero qatt ma ssuspetta li laqat mutur u li ghaldaqstant baqa' sejjer.

Illi fil-fehma tal-esponent, dawn il-kostatazzjonijiet jikostitwixxu rizultanzi fattwali u dan ghaliex il-pulizija xehdu principalment dwar dak li sabu huma fit-triq, dwar li kulur partikolari tal-vettura in kwistjoni u dwar il-hsarat li huma setghu jaraw li kellha l-vettura.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fi-ismijiet Il-Pulizija vs Manuel Cachia deciza fit-28 ta' Settembru 2011 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef David Scicluna, fejn il-Qorti kienet cahdet l-aggravju tal-appellant li r-rapport ta' P.S. 1336 Jesmond Micallef u P.C. 94 Jack Farrugia m'ghandux valur fil-ligi peress illi f'dak ir-rapport huma taw l-opinjoni taghhom bhala membri tal-Korp tal-Pulizija u mhux bhala esperti mqabbda mill-Magistrat. Illi l-fatti ta' dak il-kaz huma simili ghall-fatti tal-kaz odjern u dan ghaliex fiz-zewg kazijiet il-pulizija ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom fir-rwol taghhom ta' membri tal-korp tal-pulizija. Illi l-Qorti f'dak il-kaz kienet ezaminat ir-rapport, u rriteniet li dan jikkontjeni deskrizzjoni fattwali ta' dak osservat minnhom fuq ix-xena tad-delitt u tax-xoghol li huma wettqu fuq il-post. Illi bl-istess mod l-esponent jissottometti li x-xhieda tal-pulizija fil-kaz odjern tikkostitwixxi principalment deskrizzjoni fattwali ta' dak li seta' jigi osservat mirmhom.

Illi in oltre l-esponent huwa tal-umli fehma li sabiex jigu determinati dawn il-fatti, u cioe li per ezempju fit-triq fejn sehh l-incident sabu imxerrdin mal-art bicciet tal-fibre zghar ta' kulur ahdar car metallic u li l-mutur involut fl-incident li sabu fuq il-post kellu brix u daqqiet tal-istess kulur mhux mehtiega hila jew sengha specjali u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent ma kienx hemm il-htiega li tigi ordnata perizja ai termini tal-Artikolu 650.

Illi fid-dawl ta' dak kollu fuq suespost, l-esponent huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet ghamlet enuncazzjoni zbaljata, li wasslet ghall-liberatorja ingustifikata tal-imputat appellat u dan ukoll meta wiehed jikkonsidra li l-Qorti tal-Magistrati stess irriteniet wara li ghamlet l-apprezzament tal-fatti ta' dan il-kaz illi hija m'ghandha l-ebda dubju, lanqas l-inqas wiehed li kien l-imputat li bi traskuragni u b'mod perikoluz u arditizmu, mhux talli qala' vettura, u mhux talli mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex ghamel hekk - imma tajjar persuna u addirittura baqa' sejjer.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-24 t'Awwissu ta' l-2008, ghal habta ta' 4.45 a.m, il-Pulizija ta' l-ghassa tar-Rabat, giet infurmata li fi Triq Valletta r-Rabat, ftit l-isfel mir-roundabout li taghti ghal Haz Zebbug, kien hemm incident tat-traffiku li fih safa ferut certa Martin Fenech li kien qed isuq mutur FAF 671. Fenech kien qed isuq fid-direzzjoni ta' H'Attard meta f'daqqa wahda tfaccat karozza fuq il-karregjata tieghu li baqghet diehla go fih. Jaraw l-incident kien hemm Josef D'Armenia, Kristen Paul Baldacchino, Joseph Larry Charles Vella u Omar James George Said li stqarrew li raw vettura ta' kulur ahdar ghaddejja b'velocita' eccessiva taqbez zewg karozzi, taqbez linja kontinwa bajda, tidhol fil-lane tat-traffiku oppost u tibqa' diehla go mutur illi kienet f'dik il-karreggjata. Il-vettura hadra baqghet sejra minn fuq il-post fid-direzzjoni tar-Rabat. Meta l-Pulizija nizlu fuq il-post biex jinvestigaw dan l-incident, sabu bicciet tal-fiber ta' kulur ahdar metalizzat u kien hemm ukoll daqqiet ta' kulur ahdar, ta' l-istess kulur tal-fiber mal-mutur. Ma' l-art instab ukoll bumper ta' wara ta' vettura ta' l-istess kulur. Fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija tar-Rabat individwaw il-vettura ikkoncernata li kienet ipparkjata fi Triq Manwel Vitela r-Rabat, liema vettura kellha l-magna shuna, kellha xi daqqiet u bicciet nieqsa mill-bumber ta' quddiem u mal-genb tal-lemin, kif ukoll li l-bumper ta' wara gie nieqes. Meta l-Pulizija qabblu l-bicciet li huma gabru minn ma' l-art fit-triq ta' l-incident, mal-bicciet li kellha nieqsa din il-vettura, dawn qabblu.

L-appellat gie mitkellem mill-Pulizija u qal li kien ghadu gej minn Paceville u li kien qed isuq minn Valletta road fi triqtu lejn id-dar. Jghid illi ra dawl qawwi f'ghajnejh u hass xi haga tolqot il-vettura tieghu meta kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq izda huwa kien baqa' sejjer ghaliex ma kienx jaf li laqat mutur. Peress illi l-appellat kellu riha qawwija ta' alkohol, saritlu l-breathalyzer test fejn irrizulta fil-livel ta' 94mg/100mls, li huwa ghola minn dak stabbilit mill-Ligi (34mg/100mls).

B'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh izda l-Avukat Generali hassu aggravat

minn din is-sentenza u minnha interpona appell, peress li skond hu, l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zballjata tal-Ligi, meta riteniet illi l-Pulizija ma jistghux jaghmluha ta' esperti fl-investigazzjoni taghhom u din ma kinetx garanzija ta' indipendenza kif trid il-Ligi u allura derilha illi ma tressqux provi sufficjenti.

Ikkunsidrat.

Din l-Qorti taqbel mal-premessa illi bdiet biha l-ewwel Qorti, meta ddikjarat bla tlaqlieq illi "Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju, lanqas l-inqas wiehed, li kien l-imputat li bi traskuragni u b'mod perikoluz u artidizmu, mhux talli qala' vettura u mhux talli mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex jaghmel hekk – imma talli tajjar persuna u ghad-dirittura baqa' sejjer!! Persuna li ghal qziez u r-responsabbilita' tieghu, bla tort spicca b'dizabilita'.
Frankament, dan it-tip ta' sewwieq mhux den li jkollu licenzja tas-sewqan." Pero din il-Qorti ma taqbilx mal-bqija tar-ragunament ta' l-ewwel Qorti meta ddikjarat li mhux sew illi l-Pulizija jaghmluha ta' esperti. Bir-rispett, din il-Qorti ma taqbilx illi l-Pulizija fil-fatt hekk ghamlu. Dawn ma taw l-ebda opinjoni fix-xhieda taghhom u kull ma qalu biss, kien dak li sabu fit-triq u dak illi raw nieqes fil-karozza ta' l-appellat. Il-Pulizija sabu bicciet tal-fiber zghar ta' kulur ahdar car metalic. Il-mutur involut fl-incident kellu brix u daqqiet ta' l-istess kulur. Fi triq sabu bumper shih ta' wara tal-fiber ta' l-istess kulur hadrani metalic. Fil-karozza, allegatament involuta f'dan l-incident, irrizulta illi kellha l-bumper ta' wara nieqes u kellha wkoll il-kulur jaqbel ma' dawk il-partikolaritajiet ta' kuluri li nstabu fil-bicciet fil-post ta' l-incident. Kellha wkoll daqqa fuq il-bumper ta' quddiem u daqqa fuq il-mudguard ta' wara in-naha tal-lemin. Il-Pulizija sabu din il-vettura, ftit hin wara l-incident u li kellha l-magna shuna. L-istess appellat kien ammetta maghhom illi kien ghadu gej minn Paceville u li kien hass xi haga tolqot il-karozza tieghu pero qatt ma ssuspetta li laqat mutur u ghaldaqstant baqa' sejjer.

Il-Qorti jidrilha illi dawn huma provi indizzjarji cari hafna u li jwasslu ghal konkluzzjoni wahda u cioe illi kienet dik il-

vettura involuta fl-incident mal-mutur illi fih Martin Fenech soffra dizabilita' b'7 fil-mija. L-appellat ma nnegax li kien qieghed isuq dik il-vettura, lanqas ma nnega illi huwa laqat xi haga.

Quindi din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni illi kien l-appellat qed isuq dik il-vettura, b'mod traskurat, perikoluz, qasam il-linji bojod kontinwu, habat ma' mutur, naqas illi jaghti l-partikularijiet tieghu dwar l-imsemmi incident, u ghal dak li jirrigwarda s-sokor, irrizulta li s-Surgent xamm riha qawwija ta' xorb, sar breathalyzer test fuq l-appellat, fejn irrizulta livell ta' 94 mg/100ml, illi jissupera bil-bosta l-minimu rikjest mill-Ligi. Quindi, l-appellat irrizulta li saq vettura f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb u wkoll illi saq l-istess vettura wara li kkonsma alkohol ghola mil-limitu preskritt mill-Ligi. Fl-ahharnett talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq Martin Fenech.

Ghalhekk a bazi ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti jidrilha illi l-ewwel Qorti kellha tasal ghal konkluzzjoni ta' reata fil-konfront ta' l-appellat u mhux tilliberah. U ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoq ili jkun milhuq.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-Artiklu 15 (1) (A) (2) tal-Kap 65, MVR 88, LN 94/69, MVR 67, Artiklu 15 A, 15 B tal-Kap 65 u l-Artiklu 226 tal-Kap 9, tikkundanna lill-appellat Clayton Galea ghal multa ta' €2,329 kif ukoll tiskwalifikah milli jotjeni licenzja ta' sewqan ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------